MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# IT-TMIN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 18

17 ta' Settembru 2020

Il-Kunsilli Lokali H'Attard iltaqa' online b'xi membri fis-Sala tal-Kunsill li jinsab fl-indirizz 13/15, Triq Sant'Anna, Ħ'Attard, fis-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

STEFAN CORDINA – Sindku
Alexander Louis Mangion – Viċi Sindku
Remigio Bartolo – Kunsillier
John P.Bonnici – Kunsillier
Silvio Brincat – Kunsillier
Helen Caruana – Kunsillier
Victor Galea – Kunsillier
Maria Concetta Scerri - Kunsillier
Giorgio Schembri – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marica Mifsud – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ippresjeda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-5.48pm. Kulħadd kien preżenti bl-eċċezjoni tal-Perit Giorgio Schembri u s-Sur Victor Galea.

## 18.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

18.1.1 Ma kienx hemm ittri t'apoloġiji.

5.49pm Is-Sur Giorgio Schembri daħal *online* f'dan il-mument.

## 18.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

18.2.1 Il-minuti ġew approvati.

## 18.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku nforma lill-Kunsill rigward:

18.3.1 ***Ġbir ta' Ħġieġ***

Is-Sur Cordina qal sorġew problemi kbar ma' Malta kollha minn mindu Wasteserv infurmat lill-kuntratturi li ma jistax jitħallat il-ħġieġ ma' kartun jew plastik. Hu kompla billi qal li kien hemm problemi ta' skart kullimkien u ma jistax jgħid li Ħ'Attard ma kien hemm xejn minħabba li ovvjament biex jiġi separate il-ħġieġ mill-boroż tal-plastik ħa l-ħin, imma ħdejn ħaddieħor minħabba li t-trakkijiet kienu twin pack dawn ma kienux kbar. Ttqassmu *fliers* li fihom ir-residenti ngħataw struzzjonijiet li l-ħġieg irid jinħareġ f'kaxxi tal-kartun biss u issa mill-Ħamis li ġejn wieħed jara kif imur ix-xogħol. Saqsa jekk xi Kunsilliera għandhomx xi mistoqsijiet u l-Avukat Caruana rrimarkat biss li peress li qabel kienu qalu li mhux sa jinbidel xejn peress li twin pack issa jiġiefieri li l-ħġieġ irid jinħareġ f'kaxxi tal-kartun biss u dan sabiex tkun taf x'sa tgħid lin-nies.

***Farenheit***

Is-Sur Cordina qal li fuq il-Linja kien hemm il-Perit Dieter Falzon fuq permess tal-PA ta' Farenheit u li kien qed jassumi li kulħadd jaf min hu. Qal ukoll li ħa jagħti rendikont dwar dak li fuqu ingħata permess u dak li qed jitlob issa. Hu qal l fl-1995 Farenheit applikaw għall-*Onsite cold storage for local and imported food including packaging* fuq din il-biċċa art fi Triq il-Pitkali u li dan il-permess ġie rifjutat imma sussegwentament ġie approvat fl-Appell. Fl-1997 reġa' applika biex jagħmel *orchard* + *underground reservoir* u kif ġara qabel ma ngħatax permess imma rebaħ l-appell. Fl-2001 reġa' applika biex jagħmel two storey warehouses liema applikazzjoni ġiet rifjutata kemm *at application u appeal stages.* Il-Perit kompla billi qal li hemm xi *enforcement* fuq xi *shed* li stranament ma tidher imkien fuq is-site tal-PA u issa hemm applikazzjoni ġdida biex jestendi x-*sheds* ħabba storage, *workshop, distribution of local and imported fruit, pv tunnel* u *sunctioning tax-Shed* li ġa hemm. Qal li hemm resident li qed imexxi fuqhom. Is-Sur Cordina saqsa jekk jistax isir rapport lis-sezzjoni tal-infurzar fuq 2319/18. IL-Perit qal li jekk irid issir rapport jista' jrid anka b'mod anonimu permezz ta' telefonata imma xtaq ikun jaf jekk il-Kunsill jixtieq jagħmel oġġezzjoni.

5.58pm is-Sur Victor Galea daħal *online* f'dan il-mument

Il-Perit Schembri saqsa jekk il-Perit iccekkjax il-land use x'jgħid fuq dik l-art partikulari.  Il-Perit qal li kien ġara li l-permessi ta' 1995 u 1997 ġew approvati fl-appell minħabba li kien hemm bidla fit-Ta' Qali Action Plan u anka issa huma kompatibbli mal-plans imma l-iscale tal-buildings li huma l-*main issue*.

L-Avukat Caruana saqsiet kien hemmx rapport u l-Perit informa l-Kunsill li hemm persuna biswiet li lmentat imma li qallu biex iqabbad perit hu u jagħmel oggezzjoni hu ħalli l-Kunsill jagħmel il-parti tiegħu.  L-Avukat Caruana saqsiet kienx hemm rapporti oħra.  Is-Sur Bonnici qal li kien hemm rapport fuq il-ħsejjes tal-freezers u kienu daħlu l-Qorti.

Is-Sur Bartolo saqsa jekk hux qed jaħżen xi *diesel*.  Il-Perit qal li r-resident hekk qed jgħid imma hu ma jistax jgħid. Il-Perit qal li l-Kunsill illum irid jiddeċiedi jekk joġġezzjonax fuq dak li hemm illum issa ħalli l-quddiem jista' japplika għal xi ħaġa oħra.  L-iskala tal-applikazzjoni tal-lum hi li għandu area tali imma fuq l-istess area ha japplika biex flok grocer jagħmel LIDL ad ezempio. L-Avukat Brincat sostna li f'dan l-istadju għandha ssir spezzjoni fuq ikun jaf x'qiegħed hemm ġew.  Il-Perit qal li l-*issue* tal-oġġezzjoni mhux *issue* ta' *enforcement.*  Is-Sur Victor Galea qal li iva iżomm trakk bil-*fuel on site* imma track biss mhux jaħzen *fuel*.  Qal ukoll li l-Uffiċċini tagħhom għandhom xi konsulat u għalhekk dawk minħabba spezzjoni jgawdu minn xi privileġġi.  Il-Perit qal li dan is-sit m'għandux x'jaqsam fejn hemm l-ambaxxata.

Il-Perit Schembri qal li f'dan l-istadju l-aħjar li jitfgħu l-oggezzjoni u jkunurappreżentati fuq il-Bord u wara iva ssir talba għall -*enforcement* imma saqsa wkoll jekk l-iżvilupp hux kopert bil-policies u local plans biex jara x'saħħa l-Kunsill għandu għax inutli ssir oggezzjoni jekk l-argumenti mhumiex sodi.

Il-Perit qal li hu jaħseb li mhux l-użu li trid issir oġġezzjoni fuqu imma l-iskala tal-proġett.

Il-Perit Schembri saqsa jekk kienx hemm EIA imma l-Perit qal li jrid jidħol ġol-permess in se biex jara eżatt.

L-Avukat Caruana qalet li l-limitu taż-żmien għall-oġġezzjoni hu 22 ta' Settembru u m'hemmx żmien biex issir spezzjoni qabel.

Il-Kunsill iddeċieda li ssir rappreżentazzjoni u wara ssir spezzjoni.  L-Avukat Caruana qalet li ma taqbilx li ssir *representation* imma li ssir telefonata qabel it-22 ta' Settembru sabiex issir spezzjoni.  Il-Kunsill qabel li l-affarijiet isiru t-tnejn f'daqqa.

### *Evalwazzjoni Tender Vann*

Is-Sur Cordina qal li saret l-Evalwazzjoni tat-tender tal-van u spjega, a benefiċċju tas-Sur Victor Galea li  wera x-xewqa li jkun involut li peress li offerti kien hemm tnejn biss: €12500 VAT esklużа – €14750 VAT inkluża, €11850 VAT eskluża €13983 VAT inkluża u kienu wkoll viċin ħafna,  l-Evalwaturi mexxew u kkonkludew li l-irħas offerta kienet l-iktar waħda konformi amministrattivament u teknikament. Il-Kunsill qabel mar-rapport tal-Evalwaturi.

*Sleeping Policemen fi Triq il-Kbira*
Is-Sur Cordina qal li rċieva talba biex issir *sleeping policeman* quddiema Main Street Bistro. Hu qal li fuq din it-talba hu ftit xettiku minħabba dawn ir-raġunijiet: in-*noise pollution* peress li t-triq dejqa ha jkun ferm ikbar, hemm ġa żewġ *sleeping policeman* oħra ftit metri l'bogħod u jekk din issir ukoll jibża li żżomm l-ilma u titfgħu kollu ġo Triq Ħal Qormi. Il-Perit Schembri qal li dawn huma nkwetanti għalih għax il-bini hu antik u jekk izzomm l-ilma ssir ħsara kbira.

L-Avukat Brincat qabel mas-Sur Cordina u qal li meta jsiru dawn l-affarijiet l-ilma jista' jagħmel ħafna ħsara u propju ingħatat sentenza għax saru xogħolijiet fi Triq Annibale Preca u konsegwenza ta' dan instaddu xi *culverts* u għerqet dar fi Triq San Anton. Għalhekk ma qabilx li ssir.

Is-Sur Galea talab ukoll li jiġu refreshed biż-żebgħa dawk l-i*sleeping policeman* tal-konkos. Id-diskussjoni kompliet fuq ir-raġunijiet validi għala din ma tistax issir.

Kien hemm qbil li jintalab parir ta' TM, jista' jsir xi *traffic calming measure* ieħor iżda kien hemm qbil li ma ssirx.

6.41 L-Avukat Brincat telaq minn *online* minħabba appuntament ieħor.

*Triq Kananea u Triq il-Gamar*
Is-Sur Cordina qal li xi garaxxijiet fi Triq Kananea u djar fi Triq il-Gamar daħlilhom l-ilma u bħalha għajnuna intbagħtet imejl sabiex jittieħdu provedimenti biex ma jibqgħux jbatu konsegwenzi. Is-Sur Victor Galea gibed l-attenzjoni fuq l-ilmijiet ta' Wied Inċita u s-Sur Giorgio Schembri ha l-interess li jintervjeni sabiex jara l-problema tal-ilmijiet fl-area. Is-Sur Cordina qal ukoll li ltaqa' mal-Perit ta' IM u l-katusa proponuta biex issir ma kinitx sa sservi l-iskop. Għalhekk is-Sur Cordina talab għall-provediment issa li għadu għaddej il-proġett. Fil-fatt il-Perit ta' IM propona li jsir culvert sabiex tittaffa l-problema.

## 18.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

**Is-Sur Victor Galea rringrazzja l-kulhadd tas-sapport meta mietet il-mama tiegħu.**

18.4.1 Dr. J.P Bonnici

- Irrimarka fuq il-ħajt fi Triq il-Linja li tkaħħal bil-kantun kif kien. Is-Sur Cordina qal li l-ftira sħuna tajba u meta tiġri xi ħaġ'hekk iċemplu mill-ewwel ħalli mill-Uffiċċju jsir rapport.
- Irrimarka fuq ħofra fi Triq is-Sienja fuq nett u li din saret imma reġgħet inqalgħet.

18.4.2 Connie Scerri

- Reġgħet tkellmet fuq il-*bus stop* fi Triq il-Linja u Triq l-Għarix li mhu komdu xejn, ma jilqax xemx u xita u hemm mixja twila għall-ieħor fi Triq Victor Vassallo. Hi talbet li dak il-bus stop li tneħħa minn ħdejn il-G&G fi Triq Victor Vassallo jerġa' jsir. Is-Sur Cordina qal li dak kien tneħħa wara li saret petizzjonijiet mir-residenti minħabba li ovvjament kienet tieqaf tal-linja kwarta sakemm isir il-ħin għar-rotta. Qal ukoll li m'għandux problema biex issir talba biex jerga' jeħel imma min jagħmilha jagħti l-isem tiegħu biex

issir it-talba minħabba li qal biex ikun ċar kieku jsir quddiemu jeħel illum u jinqala' dak il-ħin stess. Is-Sinjura Scerri rribattiet li hemm m'għandux għalfejn jieqaf u qalet li sa ċċempel u tara ma' Transport Malta.

- Saqsiet fuq in-nicca u jekk instabiex. Is-Sur Cordina rrisponda li ovvjament ma jafx x'sar min-niċċa u li meta jkollhom affarijiet bħal dawn iċemplu l-uffiċċju ħalli jarawlhom mal-entità kkonċernata mill-ewwel.

18.4.3 Alex Mangion

- Saqsa jekk il-Gvern hux qed izomm il-Gvern aġġornat fuq is-*Central Link*. Fuq *Traffic Management.* Is-Sur Cordina qal li iva. Saqsa fuq id-*diversions* u jekk xi ħaġa tmur żmerċ ikunux jistgħu jgħaddu l-kontribut. Saqsa wkoll jekk il-pjanti hux qed jiġu updated.

18.4.4 L-Avukat H. Caruana

- Saqsiet fuq A. Durer u li minn Lulju l'hawn jekk kinitx riċevuta korrispondenza fuq jekk hux ha tiġi mplimentata d-deċizjoni li ttieħdet.
- Qalet li hemm kaxxa tat-telefon li ma tintużax u li qed tintuża biss biex jintefa' ż-żibel. Is-Sur Cordina qal li jekk nistgħu ngħinu biex jew tissakkar jew titneħħa b'xi mod ngħaddu rapport.

18.4.5 Giorgio Schembri

- Irringrazzja lill-Kunsill lil Karen, Diandra u Marica fuq it-tindif tal-Wied. Xtaq jenfasizza l-punt li l-ilma kollu li jgħaddi minn taħt it-triq u jisbokka fil-wied li żmien ilu kien instadd u għereq kull m'hemm Qal li ġew Ambjent Malta imma hemm ħafna xogħol xi jsir u allura wieħed irid jieħu ħsiebu sew. Qal li hemm bżonn jibqgħu jiġru warajhom.
- Talab biex ikun hemm iktar kommunikazzjoni bejn il-Kunsill u IM. Anka fejn jidħol tibdil fil-livelli, *junctions* etc.
- Saqsa fuq it-*traffic management plan* li kien sar għaċ-Ċentru tar-Raħal jekk għadux in vigore ma' IM
  Is-Sur Cordina qal li dak kollu li semma' hu utli u li jekk ikun hemm komunikazzjoni bejn iż-żewġ entitajiet l-affarijiet jimxu iktar u aħjar.

## 18.5 Approvazzjoni ta' Rapport tal-Kwart tas-Sena April – Ġunju 2020

18.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li r-Rapport qiegħed in line mal-baġit u qegħdin tajjeb ħafna forsi dovut li tnaqqsu l-ispejjeż iktar mill-kwart ta' qabel minħabba ċirkustanzi ta' Covid. Qalet li jekk sal-aħħar tas-sena jibqgħu sejrin hekk il-FSI għandu jkun wieħed pożittiv above the 10%. Qalet ukoll li għalkemm l-ispejjeż naqqs kif kulħadd ja fir-rutina baqgħet għaddejja xorta, kemm f'dak il-perjodu u anka issa.

Is-Sur Alex Mangion xtaq juri l-apprezzament lis-Segretarju Eżekuttiv u l-istaff li waqt dan iż-żmien diffiċli kienu bil-għaqal bil-fondi f'dawn iż-żminijiet diffiċċli.

## 18.6 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa Skema SPI.SCI.3.2020

18.6.1 Aċċessibilità u Mobilità. Spejgat li fil-Media kienet ħarġet li żdiedu 14-il vann fl-irħula li kienu qed iduru jaqdu l-bżonnijiet tal-anzjani zgħar jew kbar kemm huma. Qalet li kienu rċevew diversi lmenti li r-raħal ta' Ħ'Attard ma kellhomx. Dawn il-vannijiet ġew introdotti fl-irħula u kienu finanzjati mill-Ministeru għall-Anzjanità attiva. Għalhekk kompliet is-Segretarju Eżekuttiv hija kienet qed tissuġġerixxi li japplikaw għall-fondi taħt din l-iskema biex jinxtara dan il-vann. Is-Sur Cordina qal li Tas-Sliema kienu ingħataw xufier b'xejn u fil-verità li tiġi miżinterpretata ħażin għax il-pakkett kollu jiġi jiswa mat-€30,000 malajr. Hemm lokalità oħra ingħatat vettura. L-Avukat Caruana qalet li hawn bosta anzjani u żgħur li ħa jkun ta' benefiċċju għall-kulħadd. Kulħadd qabel.

## 18.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti

18.7.1 L-Avukat Caruana saqsiet fuq item 24 Kevin Fsadni. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li s-Sur Fsadni tħallas fuq xogħol li għamel fuq l-embankment bhalha project surveyor u li ġie konkluż f'April li għadda. Hu bgħat kont wieħed f'daqqa. Saqsiet fuq ir-rimbors ta' €900 u kif konna bqajna mad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li għal din is-sena se jiġu assorbiti mill-Kunsilli taħt Spejjeż. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hemm l-aħħar pagament li kellu jiżdied illum f'isem Transport Malta sabiex issir trinka fi Triq Guże' d'Amato.

## 18.8 Mozzjonijiet; u

18.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 18.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

18.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.29pm u ġiet aġġornata għall-21 ta' Ottubru 2020 fis-5.30pm.

Konfermati, illum 21 ta' Ottubru 2020.

IFFIRMATA
Stefan Cordina
Sindku

IFFIRMATA
Marica Mifsud
Segretarju Eżekuttiv